



Dokument ta' sessjoni

B9-0133/2019

21.10.2019

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-operazzjoni militari Torka fil-Grigal tas-Sirja u l-konsegwenzi tagħha (2019/2886(RSP))

Anna Fotyga, Adam Bielan, Zdzisław Krasnodębski, Assita Kanko, Witold Jan Waszczykowski, Ryszard Czarnecki, Jadwiga Wiśniewska, Ruža Tomašić
f'isem il-Grupp ECR

B9-0133/2019

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-operazzjoni militari Torka fil-Grigal tas-Sirja u l-konsegwenzi tagħha
(2019/2886(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar it-Turkija¹,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sirja, adottata mill-Kunsill fit-3 ta' April 2017,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-Sirja,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar id-Da'esh,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar il-Grigal tas-Sirja,
- wara li kkunsidra l-istqarrija tal-14 ta' Ottubru 2019 mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Ottubru 2019 tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) fisem l-UE dwar l-iżviluppi reċenti fil-Grigal tas-Sirja,
- wara li kkunsidra l-istqarrija tat-12 ta' Ottubru 2019 tal-Lega Għarbija dwar l-operazzjoni militari Torka fil-Grigal tas-Sirja,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokoll addizzjonali tagħha,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989, u l-Protokoll Fakultattiv tagħha dwar l-Involviment tat-Tfal f'Kunflitti Armati tas-sena 2000,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni abbażi ta' Reliġjon jew Twemmin tal-1981,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom,

¹ Testi adottati, P8_TA(2019)0200.

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tad-9 ta' Diċembru 1948,
 - wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fis-6 ta' Ottubru 2019 l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti ħabbret li l-forzi tal-Istati Uniti kienu se jirtiraw miż-żoni Sirjani li għandhom il-fruntiera mat-Turkija sabiex jippermettu lill-forzi Torok iwettqu l-operazzjoni li kienet ilha ppjanata; billi l-ispiża tal-involviment tal-Istati Uniti fis-Sirja jammonta għal aktar minn USD 50 biljun, li huwa ħafna aktar mill-ispiża tal-appoġġ Ewropew; billi l-maġġoranza tal-1 000 suldat tal-Istati Uniti stazzjonati fis-Sirja jinsabu fil-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż;
- B. billi wara l-operazzjonijiet militari preċedenti "Tarka tal-Ewfrati" u "Fergħa taż-Żebbuġ", il-President Tork Recep Tayyip Erdogan fid-9 ta' Ottubru 2019 ħabbar il-bidu tal-"Operazzjoni Rebbiegħa tal-Paċi" mill-militar Tork u mill-fazzjonijiet ribelli Sirjani biex allegatament "jipprevjenu l-ħolqien ta' kuritur ta' terror" matul il-fruntiera tan-Nofsinhar u "iġibu l-paċi fiż-żona"; billi huwa rrappurtat li hemm tħassib li l-fazzjonijiet ribelli Sirjani fihom gruppi estremisti, filwaqt li l-intervent Tork qed isir mingħajr mandat tan-NU;
- C. billi t-Turkija ilha thedded li se tagħti bidu għal operazzjoni fit-territorju miżmum mill-Forzi Demokratiċi Sirjani (FDS) sabiex tinholq "żona sikura" b'wisa' ta' 32 km u tul ta' 480 km matul in-naħa Sirjana tal-fruntiera tagħha, u biex tkeċċi l-membri tal-Unitajiet ta' Protezzjoni tal-Poplu (YPG), li t-Turkija tqis bħala estensjoni tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), organizzazzjoni terroristika meqjusa illegali mit-Turkija, mill-UE u mill-Istati Uniti; billi l-PKK wettqu mijiet ta' attackki u atti ostili kontra t-Turkija matul l-aħħar sentejn;
- D. billi, filwaqt li l-FDS kienu determinati li jiddefendu t-territorju tagħhom jiġri x'jiġri, il-forzi mmexxija mit-Torok irnexxielhom jirbħu żoni skarsament popolati, fil-biċċa l-kbira tagħhom Għarab, bejn il-bliet ta' Tal Abyad u Ras al-Ain; billi l-attackki Torok mill-ajru u bl-artillerija affettwaw żona ħafna akbar, inklużi bliet u villaġġi fil-biċċa l-kbira tagħhom Kurdi fil-Punent u fil-Lvant;
- E. billi fit-13 ta' Ottubru, l-uffiċjali tal-Istati Uniti ddeċidew li jibdew l-irtirar tat-truppi tal-Istati Uniti kollha fit-Tramuntana tas-Sirja, li xpruna lill-FDS jilħqu ftehim mar-reġim Sirjan biex l-armata Sirjana tidħol fiż-żona, tiġi skjerata matul il-fruntiera Sirjana-Torka u jwaqqaf l-attakk Tork;
- F. billi r-rapporti nnutaw li siegħat wara li kien intlaħaq ftehim bejn l-Istati Uniti u t-Turkija, l-istess ftehim inkiser bil-bumbardament ta' Ras al-Ain li tkompla mill-artillerija Torka, post li ġarrab vjolenza qawwija sa mill-irtirar tat-truppi tal-Istati Uniti miż-żona;

- G. billi fit-18 ta' Ottubru ġie rrapportat li l-ispetturi tal-armi kimiçi tan-NU kienu ħabbru li huma kienu se jiġbru informazzjoni dwar akkużi ta' użu ta' fosfru abjad mill-forzi Torok kontra ċ-ċivili, inklużi t-tfal; billi t-Turkija ċaħdet l-allegazzjonijiet;
- H. billi, f'tentattiv biex tiġi evitata offensiva Torka fis-Sirja, l-Istati Uniti u l-militar Tork, f'Awwissu 2019, kienu qablu li jstabbilixxu mekkaniżmu ta' sigurtà fuq in-naħa Sirjana tal-fruntiera, żona li kellha tinżamm ħielsa minn ġellieda tal-YPG;
- I. billi t-Turkija qed tittama li tirisistema sa żewġ miljuni mit-3,6 miljun rifuġjat Sirjan li kienet qed tospita matul l-aħħar tmien snin f'"żona sikura" maħluqa mill-operazzjoni militari attwali; billi t-Turkija pprovdiet kura adegwata u kenn sikur għar-rifuġjati Sirjani li qiegħda tospita;
- J. billi aktar minn 160 000 persuna ħarbet miż-żoni mmirati mill-operazzjonijiet militari Torok reċenti, u billi aktar minn 500 000 persuna jaf tiġi mġiegħla taħrab; billi l-biċċa l-kbira taċ-ċivili spostati ġejjin mill-bliet ta' Ras al Ain u Tal Abyad, li kienu l-miri inizjali tal-intervent Tork;
- K. billi hemm rapporti li l-attakk imdemmi fil-Grigal tas-Sirja kkawża l-eżekuzzjoni ta' prigionieri Kurdi u l-qtil ta' għexieren ta' ċivili mhux armati, inkluż Hevrin Khalaf, is-segretarju ġenerali tal-Partit għas-Sirja tal-Ġejjieni, kif ukoll ġurnalisti u membri tal-Forzi Demokratiċi Sirjani (FDS); billi l-imwiet u l-korrimenti ġraw ukoll fuq in-naħa Torka;
- L. billi t-Turkija hija waħda mill-kontributori ewlenin tat-truppi, it-tagħmir u l-intelligence tan-NATO; billi s-šhubija tagħha man-NATO tirrikjedi l-konformità mal-liġijiet u t-trattati internazzjonali kollha u r-rispett tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2 tat-Trattat tan-NATO;
- M. billi diversi Stati Membri tal-UE ddeċidew li jissospendu l-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija b'reazzjoni għall-intervent tat-Turkija fil-Grigal tas-Sirja;
- N. billi l-Kungress tal-Istati Uniti kien mistenni li jgħaddi pakkett wiesa' ta' sanzjonijiet fuq it-Turkija, inkluż it-tnaqqis tal-appoġġ militari, apparti dawk diġà imposti mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti, inklużi dawk li jimmiraw lill-uffiċjali Torok u l-irtirar tal-kooperazzjoni militari wara l-kisba mit-Turkija ta' sistemi kontra l-inġenji tal-ajru S-400 magħmulin ir-Russja;
- O. billi t-Turkija għandha dritt leġittimu li tiġġieled it-terroriżmu u tiggarrantixxi s-sikurezza tal-fruntieri tagħha filwaqt li tirispetta l-integrità territorjali tal-pajjiżi ġirien tagħha; billi fl-istess ħin hija għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-azzjonijiet tagħha jkun u f'konformità mad-dritt internazzjonali u mal-impenji internazzjonali tagħha;
- P. billi l-koalizzjoni internazzjonali mmexxija mill-Istati Uniti u li tinvolvi šhab reġjonali, inklużi l-Kurdi, wasslet għall-waqgħa tal-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku u għall-inkarċerazzjoni ta' eluf ta' ġellieda tad-Da'esh, inklużi nisa u tfal, fil-Grigal tas-Sirja; billi t-Turkija għadha membru impenjat tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh;
- Q. billi, minbarra l-kampanja militari fl-Iraq u fis-Sirja, il-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh hija impenjata li tindirizza l-finanzjament u l-infrastruttura ekonomika tad-

Da'esh, li tipprevjeni l-fluss ta' ġellieda terroristi barranin bejn il-fruntieri, li tappoġġa l-istabilizzazzjoni u l-istabbiliment mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi essenzjali għaż-żoni liberati mid-Da'esh, u li taħdem kontra l-propaganda tal-grupp;

- R. billi huwa rapportat li madwar 68 000 ruħ marbuta mad-Da'esh huma detenuti fil-kamp al-Hol fil-Grigal tas-Sirja, li aktar minn 94 % minnhom huma nisa u tfal u 11 000 minnhom huma ċittadini barranin; billi huwa suspettat li aktar minn 12 000 raġel huma membri tad-Da'esh u qed jinżammu f'seba' ħabsijiet operati mill-FDS, u li mill-inqas 4 000 minnhom huma ċittadini barranin;
- S. billi għadd ta' ġellieda tad-Da'esh irnexxielhom jaħarbu minn dawn il-ħabsijiet, u mijiet ta' nisa u tfal irnexxielhom jaħarbu mill-kampijiet li kienu miżmuma fihom, waqt li gwardji Kurdi ġew furzati jħallu l-pożizzjonijiet tagħhom u jaħarbu mill-offensivi Torok; billi l-ħarba tal-ġellieda, in-nisa u t-tfal tad-Da'esh tippreżenta tħassib ta' sigurtà gravi fir-reġjun, fl-Ewropa u fid-dinja; billi hemm riskju li l-ħarbit reċenti jinkoraġġixxu lid-Da'esh u jwasslu għal qawmien mill-ġdid tiegħu fir-reġjun;
- T. billi l-involvement tar-Russja fis-Sirja huwa mmirat biex iżomm lir-reġim ta' Assad fil-poter, filwaqt li jiġi sfruttat il-vojt ta' poter li nħoloq sa mill-bidu tal-gwerra ċivili, u dan wassal għal rwol dejjem aktar aggressiv min-naħa tar-Russi fir-reġjun;
- U. billi ma jista' jkun hemm ebda soluzzjoni militari għall-kunflitt fis-Sirja, u ebda ftehim ta' paċi sinifikanti jew li jirnexxi waqt li fl-istess ħin il-President Bashar al-Assad jibqa' fil-poter;
- V. billi l-użu tat-tortura u l-arresti tal-massa, u l-qerda mifruxa ta' żoni popolari fis-Sirja, żdiedu drammatikament sa mill-bidu tal-kunflitt, filwaqt li għadd kbir ta' Sirjani qed jiġu spostati u furzati jersqu aktar 'il bogħod mill-assistenza umanitarja tant meħtieġa;
- W. billi l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, iffirmit u ratifikat mill-Istati Membri kollha, jafferma li jeħtieġ li l-aktar delitti serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi – b'mod partikolari l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra – ma jitħallewx fl-impunità;
- X. billi d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jipprojbixxu kemm l-immirar ta' individwi jew gruppi abbażi tal-identità reliġjuża jew etnika, kif ukoll l-attakki kontra ċivili li ma jkunux qed jieħdu sehem fl-ostilitajiet u kontra individwi li jwasslu l-għajnuna umanitarja lin-nies maqbudin fil-kunflitt; billi tali azzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità;
- 1. Jilqa' l-waqfien temporanju tal-operazzjonijiet mill-forzi Torok u jħeġġeġ lill-partijiet kollha għall-ostilitajiet reċenti fis-Sirja jirrispettaw l-impenji tagħhom u jieqfu milli jwettqu atti aggressivi; jistieden lit-Turkija tagħxi bi trażżin u tigarantixxi li l-"Operazzjoni Rebbieġha tal-Paċi" tagħha fil-Grigal tas-Sirja tkun meqjusa u proporzjonata u tirrispetta l-integrità territorjali tas-Sirja;
- 2. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha għall-ostilitajiet reċenti jidħlu f'negozjati internazzjonali bil-għan li jfittxu soluzzjoni permanenti għas-sitwazzjoni matul il-fruntiera fil-Grigal tas-Sirja; jitlob li l-awtonomija tar-reġjun Kurd fis-Sirja tibqa' garantita;

3. Jiddeplora l-eżekuzzjoni u l-qtil ta' ċivili innoċenti minn kull naħa; iżomm ruħu f'solidarjetà maċ-ċivili u mal-ġurnalisti maqbuda fil-kunflitt u jenfasizza li s-sikurezza tagħhom jeħtieġ li tiġi garantita mill-partijiet kollha;
4. Jenfasizza l-apprezzament tiegħu għall-ġellieda Kurdi li ġġieldu fil-gwerra kontra d-Da'esh u ġarrbu ħafna mwiet u korrimenti fuq in-naħa tagħhom, u jemmen li l-awtonomija tar-reġjun Kurd fis-Sirja jeħtieġ li tiġi garantita;
5. Jenfasizza l-ħtieġa għal tmiem urġenti tal-kunflitt Sirjan; jiddispijaċih ħafna għall-falliment tat-tentattivi reġjonali u internazzjonali ripetuti biex tintemm il-gwerra fis-Sirja, u jappella għal kooperazzjoni globali mġedda u intensiva sabiex tinkiseb soluzzjoni paċifika u sostenibbli għall-kunflitt; jibqa' impenjat favur l-għaqda, is-sovranità, l-integrità territorjali u l-indipendenza tas-Sirja;
6. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal informazzjoni dwar ir-rapporti reċenti tal-użu ta' fosfru abjad fil-Grigal tas-Sirja; jappoġġa mingħajr riżervi l-isforzi mill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) biex tiġbor informazzjoni dwar din il-kwistjoni; jikkundanna bil-qawwa, jekk jiġi ppruvat li kien veru, l-użu ta' armi kimiċi;
7. Jikkundanna mingħajr riservi l-immirar tat-truppi tal-Istati Uniti u jistieden lill-partijiet kollha biex jiżguraw is-sikurezza tagħhom; jiddispijaċih li l-Istati Uniti ddeċidew li jirtiraw it-truppi tagħhom mill-Grigal tas-Sirja, filwaqt li jinnota li l-Istati Membri ma skjeraw l-ebda forzi f'dik iż-żona;
8. Jenfasizza li l-komunità trans-Atlantika għandha tibqa' magħquda fil-ġlieda kontra d-Da'esh u ma għandhiex tipperikola r-rebħiet li għamlet kontra dan il-grupp terroristiku Iżlamista barbariku;
9. Jemmen li hemm riskju li l-azzjonijiet tat-Turkija jistgħu jiddestabilizzaw ulterjorment lir-reġjun, jeskalaw it-tensjonijiet u jikkawżaw aktar tbatija umana, inkluż billi jipperikolaw il-ħajjiet ta' ċivili innoċenti u jheddu u jimminaw il-kampanja internazzjonali kontra d-Da'esh;
10. Jesprimi tħassib gravi dwar il-possibbiltà li ġellieda tad-Da'esh qed jinħelsu jew jaħarbu mill-ħabsijiet li fihom qegħdin jiġu miżmuma bħalissa, inkluża l-ħarba ta' nisa u tfal tad-Da'esh mill-kampijiet, peress li dan jippreżenta theddida gravi għas-sigurtà tar-reġjun, tal-Ewropa u tad-dinja usa';
11. Jinnota d-deċiżjoni ta' diversi Stati Membri li jissospendu l-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija;
12. Jifhem il-ħtieġa li l-miljuni ta' rifuġjati li bħalissa qegħdin jirċievu kenn fit-Turkija eventwalment jiġu ripatrijati, iżda jfakkar lit-Turkija li s-sistemazzjoni ta' rifuġjati, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma Għarab, fiż-żoni Kurdi taż-"żona sikura" tista' tikkawża bidliet serji fil-kompożizzjoni etnika taż-żona u toħloq tensjonijiet u konsegwenzi fit-tul;
13. Jiddeplora t-theddid tal-President Tork Recep Tayyip Erdogan li "jiftaħ il-kanċelli u jibgħat 3,6 miljun rifuġjat" lejn l-Ewropa;

14. Jiddispija li, minkejja l-avviżi, ir-ritorn volontarju ta' Sirjani spostati lejn id-djar tal-oriġini tagħhom jew postijiet oħrajn tal-għażla tagħhom fis-Sirja ma seħx f'konformità mad-dritt internazzjonali u f'koordinazzjoni mal-aġenziji tan-NU rilevanti;
15. Jenfasizza li l-ebda fondi Ewropej ma jistgħu jiġu indirizzati lit-tiżni tal-istituzzjonijiet kontrollati mir-reġim ta' Assad jew lill-finanzjament mill-ġdid tal-ispejjeż ta' atturi oħrajn li jappoġġaw dan ir-reġim kriminali;
16. Jikkundanna lir-Russja talli użat il-veto għal bosta Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU immirati biex jintemm il-kunflitt fis-Sirja, u minħabba l-appoġġ tagħha għar-reġim ta' Assad; jikkundanna f'dan ir-rigward l-involviment dirett tar-Russja fis-Sirja, inkluż permezz ta' attacchi mill-ajru, kif ukoll billi forniet armi, inklużi rokits, lir-reġim ta' Assad;
17. Jinnota li r-Russja, mingħajr oppożizzjoni mit-Turkija, timplimenta politika li tfittex li tiġbed lit-Turkija 'l barra mill-alleanza tan-NATO u li ddgħajjed ir-relazzjonijiet tat-Turkija mal-UE; jenfasizza l-hteġa li t-Turkija tibqa' parti mill-alleanza tan-NATO;
18. Jesprimi tħassib profond li t-Turkija, bħala alleat tan-NATO, xtrat sistemi Russi kontra l-missili bi ksur tar-regoli tan-NATO; jappoġġa f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li jneħħu lil Ankara mill-programm F-35;
19. Jesprimi tħassib li r-Russja u l-Iran se jisfruttaw ulterjorment il-kriżi billi jieħdu vantaġġ mill-impatt ta' din l-instabbiltà fis-suq tal-enerġija reġjonali, u għaldaqstant ir-Russja u l-Iran jitħallew iżidu rapidament l-ishma tagħhom fis-suq u jimmanipolaw il-mezzi tal-produzzjoni sabiex ikollhom influwenza ulterjuri fis-swieq reġjonali u globali tal-enerġija;
20. Jitlob li jkun hemm aktar sanzjonijiet fuq il-kummerċ u fuq iż-żejt li joriġinaw mis-Sirja li jinbiegħu permezz ta' forzi kkontrollati mir-Russja jew mill-Iran u assistiti mir-reġim ta' Assad;
21. Jesprimi tħassib serju dwar it-tentattivi tal-Iran biex jistabilixxi kuritur tal-art li jibda minn Tehran, jgħaddi minn Baghdad u Damasku u jasal Bejrut fuq il-Mediterran, biex b'hekk ifittex li joħloq pont tal-art li joħloq konnessjoni bejn l-Iran u l-alleati tiegħu tal-Hezbollah fil-Libanu u joħloq theddida tas-sigurtà reali u gravi għall-Iżrael;
22. Iwissi li l-instabbiltà fis-Sirja se twassal għal żieda fil-kuntrabandu u fis-serq internazzjonali tal-patrimonju kulturali li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw l-attività terroristika fir-reġjun;
23. Iwissi li s-Sirja, il-Kurdi, ir-Russja u l-Iran kollha jmexxu propaganda estensiva biex jikkonvinċu lis-soċjetajiet tal-Punent bil-fehmiet tagħhom u biex jappoġġaw l-interessi tagħhom;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-Gvern u lill-Gran Assemblea Nazzjonali tat-Turkija, lill-Gvern u lill-Kunsill

tar-Rappreżentanti tal-Iraq, lill-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.